# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat  Nru.: 281/18 MH**

**Illum, 8 ta' Gunju, 2018.**

**Dr. Abigail Bugeja (K.I. Nru. 74986M) bhala Mandatarju Specjali tas-socjeta' estera Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) (Numru tar-registrazzjoni 938 419 531)**

**vs.**

**Il-Yacht "INDIAN EMPRESS" (IMO Nru 1006245)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat** ta' Dr. Abigail Bugeja (K.I. Nru. 74986M) bhala Mandatarju Specjali tas-socjeta' estera Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) (Numru tar-registrazzjoni 938 419 531) tas-27 ta' Marzu 2018 permezz ta' liema gie premess –

1. *"Illi s-socjeta' rikorrenti tipprovdi servizzi ta' assikurazzjoni lill-yacht intimat sabiex l-istess yacht ikun kopert b'polza t'assikurazzjoni;*

2. *Illi fil-gimghat precedenti, s-socjeta' rikorrenti giet avvicinata minn erbghin (40) crew member li huma mpjegati fuq il-yacht intimat sabiex jinfurmawha illi s-sidien tal-istess yacht naqsu milli jhallsu l-pagi taghhom ghal diversi xhur. Fil-fatt, l-istess crew members ipprocedew b'dan il-mod wara li s-sidien tal-yacht kienu ilhom diversi xhur iweghduhom il-pagi taghhom minghajr ma jeffettwaw il-hlas rispettiv;*

3. *Illi s-socjeta' rikorrenti kellha d-dover li tonora l-obbligi taghha il-skond il-Ligi Sussidjarja 234.51 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvedimenti legali jistipulaw carament illi l-hlasijiet tal-pagi tal-crew members, limitatament sa erba' xhur arretrati f'pagi, ghandhom jithallsu mill-financial security system tal-yacht intimat, u cioe' f'dan il-kaz hija s-socjeta' rikorrenti;*

4. *Illi minbarra f'hekk, is-socjeta' rikorrenti giet avvicinata sahansitra minn 'Nautilus International', il-Union tal-crew members rispettivi li interpellat l-istess socjeta' esponenti sabiex tonora l-obbligi taghha taht il-Maritime Labour Convention u biex thallas l-arretrati ta' pagi li s-sidien tal-yacht intimat ma kienux hallsu;*

5. *Illi nonostante li s-socjeta' rikorrenti ppruvat tikkomunika mas-sidien tal-yacht intimat u tinterpellahom sabiex jeffetwaw il-pagi rispettivi, dawn baqghu inadempjenti;*

6. *Illi minhabba f'hekk is-socjeta' rikorrenti kellha tipprocedi bil-hlas tal-pagi rispettivi u llum il-yacht intimat ghandu jhallas l-ammont ta' seba' mija u elfejn, mija u hdax-il Ewro u seba' u sittin centezmu (€ 702,111.67)*. *(Kopja tad-dikjarazzjonijiet iffirmati mill-ekwipagg,*

*flimkien mal-kuntratti tal-impjieg u l-paylsips taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A'). Din is-somma hija certa, likwida u dovuta u tirraprezenta l-hlasijiet tal-pagi li saru lill-erbghin (40) crew members inkluz bank charges u spejjez legali nkorsi in konnessjoni mal-istess hlasijiet tal-pagi tal-ekwipagg tal-imsemmi yacht;*

7. *Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha drittijiet in rem kontra l-yacht in kwistjoni ai termini tal-Artikoli 742B u 742D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-kreditu in kwistjoni igawdi minn privilegg marittimu ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta;*

9. *Illi permezz ta' rikors ghall-hrug tal-mandat ta' arrest kwatelatorju fl-ismijiet premessi, Mandat numru 412/18, liema rikors gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), gie arrestat il-yacht intimat (kopja tal-mandat ta' arrest qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B');*

10. *Illi nonostante l-arrest sub-indikat, is-socjeta' rikorrenti ghadha ma rceviet l-ebda hlas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

11. *Illi huwa fl-interess tas-socjeta' rikorrenti illi din il-kawza tigi deciza skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

12. *Illi l-esponenti, bin-numru tal-Karta tal-Identita' b'numru 74986M bhala mandatarju specjali tas-socjeta' esponenti estera Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) (Numru tar-registrazzjoni 938*

*419 531) taf personalment dwar il-fatti kif dedotti u qeghda tikkonferma bil-gurament taghha, u sa fejn taf hi, l-yacht intimat m'ghandhiex eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet rikorrenti;*

*Ghaldaqstant, il-yacht intimat ghandu jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna, tilqa' s-segwenti talbiet billi:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara l-yacht intimat debitur tas-socjeta' rikorrenti Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) (Numru tar-registrazzjoni 938 419 531) fl-ammont ta' seba' mija u elfejn, mija u hdax-il Ewro u seba' u sittin centezmu (€ 702,111.67) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti pagi tal-ekwipagg tal-yacht intimat inkluz bank charges u spejjez legali nkorsi ma' tali hlasijiet;*

3. *Tikkundanna lill-yacht intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' ta' seba' mija u elfejn, mija u hdax-il Ewro u seba' u sittin centezmu (€ 702,111.67) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest kawtelatorju b'numru 412/18, akkordat fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) kontra l-yacht intimat li min issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni."*

Rat **ir-nota** tal-bastiment M/V Indian Empress tat-28 ta' Mejju 2018[1] li tghid hekk –

*"Li biha qed jaderixxi ruhu ghat-talbiet kif dedotti."*

Rat li fis-seduta tas-27 ta' April l-intimat konvenut bastiment ikkontesta il-procedura sommarja tal-giljottina u wara li semghet il-partijiet l-Qorti prefiggiet ghoxrin gurnata biex l-istess jippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu.[2]

Rat li nonostante cioe dana il-konvenut baqa hekk inadempjenti.

Rat li anzi fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2018 li kienet propjament differita ghal-provi ta' l-attrici, il-bastiment konvenut presenta nota li biha iddikjara li kien qieghed jaderixxi ruhu mat-talbiet kif dedotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' attrici.

**Konsegwentement peress li jirrizultaw it-talbiet qeghda tidisponi mill l-ewwel talba in kwantu il-Qorti cahdet il-procedura ta' giljottina kif mahsuba fl-artikolu 167 *et. seq*. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tilqa t-tieni talba u tiddikjara lil *yacht* intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti Assikuratrici Assuranceforeningen SKULD (Gjensidig) (Numru tar-registrazzjoni 938 419 531) fl-ammont ta' seba' mija u elfejn, mija u hdax il-Ewro u seba' u sittin centezmu (€702,111.67) jew somma verjuri, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament**

[1] Fol 119
[2] Fol 24.

**effettiv, rapprezentanti pagi tal-ekwipagg tal-*yatch* intimat inkluz *bank charges* u spejjez legali nkorsi ma tali hlasijiet.**

**Tikkundana lill-*yacht* intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' seba' mija u elfejn, mija u hdax -il Ewro u seba' u sittin centezmu (€702,111.67) jew somma verjuri, bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura u tal-hlasijiet rispettivi sad-data tal-pagament.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest kawtelatorju b'numru 412/18 akkordat fit-tnax(12) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax, (2018) kontra l-*yacht* intimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**